# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 524/01mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Stephen Fenech**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u sitt liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm306.63) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut f'arblu tad-dawl

propjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar il-25 ta' Lulju, 1999, gewwa Birkirkara By Pass.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.